MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 969/2011

**Abolezz Ghassan**

**Id 149810 M**

**Vs**

**Gerald Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezntat fil-11 ta' Novembru, 2011 fejn l-attur talab illi l-intimat inkariga lir-rikorrenti sabiex jaghmel xi xoghol gewwa l-fond Mangonu, Bay Street San Giljan u dan versu l-prezz ta' hamest elef u seba' mitt Ewro (€5,700);

Illi l-intimat hallas parti mis-somma miftehma u dan fl-ammont ta' erbat elef u erba' mitt ewro (€4,400) izda ghalkemm ir-rikorrent ghamel ix-xoghlijiet rikjesti mill-initmat skond sengha u l-arti mehtiega f'Awwissu u Settembru tas-sena 2011 u minkejja diversi interpellazzjonijiet tar-rikorrenti sabiex ihallas l-intimat lir-rikorrenti

somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) inkluzi bil-hrug ta' ittri legali, l-intimat baqa' inadempjanti;

Ghaldaqstant, u in vista tas-suepost r-rikorrenti umilment jitlob lil dan Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna l-intimat ihallas lir-rikorrenti r-rumenenti somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) ghal xogholijiet u servizzi rezi mir-rikorrenti kif ukoll ihallas is-somma addizzjonali ta' elf u sitta u ghoxrin ewro (€1,026) mal-ammont dovut .

Bl-imghax legali sad-datatal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Illi l-konvenut waqt li gie debitament notifikat ipprezenta risposta fis-1 ta' Frar, 2012 fejn eccepixxa t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi l-ammont mitlub minnu mhux dovut u l-eccepjent ma ghandu jaghtih xejn.

L-eccepjent hallas lill-attur l-ammont kollu miftiehem mieghu, anzi sahansitra hallas zejjed kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Inoltre l-attur naqas li jaghmel ix-xoghol kollu miftiehem mieghu, u parti minnu ma ghamlux skond l-arti u s-sengha. L-esponent anke hallas hu s-sealer u z-zebgha u zebagh hu wkoll.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehed il-konvenut bil-procedura tal-affidavit li spjega l-ammont illi ftiehem mal-attur u l-ammont li hallsu. Spjega ukoll illi kien hallsu izjed izda ma talabhomlux lura.

Xehed Mohammed Aburub li kkonferma l-ammont li l-partijiet ftehmu fuqu u cioe’ dak li sema l-konvenut tliet elef u tmien mitt ewro (€3,800).

Xehed l-attur Abolezz Ghassan li spjega li s-saqaf ma kienx inkluz ma’ l-ewwel kont. L-attur talab ukoll l-ammont ta’ elf u sitta u ghoxrin ewro (€1,026) bhala VAT fuq l-ammont li tieghu ma thallasx.

Illi fis-6 ta’ Frar, 2014 giet ipprezentata risposta ulterjuri ghat-talba mizjuda ta’ elf u sitta u ghoxrin ewro (€1,026) bhala VAT. F’din ir-risposta l-konvenut ecepixxa preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148(a)tal-Kodici Civili. Fid-19 ta’ Mejju 2014 giet deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dwar it-talba mizjuda ta’ elf u sitta u ghoxrin ewro (€1,026) liema eccezzjoni giet milqugha.

Illi wara dan l-attur naqas illi jressaq provi ulterjuri dwar it-talba originali tieghu u ghalhekk it-Tribunal ghadda biex iddecida l-kawza fuq dak li gie mressaq quddiemha.

Wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati;

Ikkunsidra.

Illi l-konvenut xehed u  spjega li l-ftiehim kien ta’ tliet elef u tmien mitt ewro (€3,800) liema somma giet ikkonfermata minn xhud iehor. Wara li sar dan il-ftehim kien hemm xoghol izjed u ta’ dan il-konvenut hallas u hallas mitt ewro (€100) izjed. Filfatt ipprezenta kopja tac-cekkijiet li hallas il-konvenut fl-ammont ta’ erba’ t’elef u erba’ mitt ewro (€4,400). It-Tribunal jikkonsidra x-xhieda tal-attur bhala wahda konflingenti ma tregiex u mhux konvincenti. Fl-ebda mument ma qal illi tas-suffet mhux ser jithallas taghhom u dawn ghandhom jithallsu direttament lil minn ghamilhom, kif ghamel meta baghad lilt as-suffett biex jithalas minghand il-konvenut.

It-Tribunal mhux konvint mill-verzjoni tal-fatti kif mghotija mill-attur u ghal dan il-motiv jichad it-talba attrici u jillibera lil konvenut minn kull talba ghal hlas kontrih.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-attur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------